MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 1060/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**vs**

**Darren Cassar**
**Brian Bonnici**
**Joseph Pawney**
**Matthew Chircop**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Darren Cassar ta’ 28 sena iben Anthony u Josephine nee’ Farrugia imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Dicembru 1975, residenti Blokk A, Flat 15, Rerum Novarum, Triq Dun Gorg Preca, Blata l-Bajda u detentur tal-karta tal-identita’ numru 29276 (M) u Brian Bonnici ta’ 22 sena iben Allen John u Rosaria nee’ Tabone imwieled

Pieta’ fl-24 ta’ Settembru 1982, residenti Blokk 3, Flat 5, Triq San Duminku, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 520182 (M) u Joseph Pawney ta’ 19-il sena iben Anthony u Ersilia nee’ Abdilla imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Settembru 1985, residenti Blokk 3, Flat 6, Triq San Duminku, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 454785 (M) u Matthew Chircop ta’ 18-il sena iben missier mhux maghruf u Irene Chircop imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Novembru 1986, residenti Nru 22, Flat 3, Triq San Guzepp, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 6487 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

B’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

Fix-xhur ta’ qabel it-28 ta’ Novembru 2003, matul il-gurnata, fil-Belt Valletta u f’ H’Attard ikkommettew serq ta’ tessuti u oggetti ohra, liema serq li huwa kwalifikat bil-persuna u l-valur li komplessivament jeccedi l’ elf lira (Lm1000), sar ghad-dannu ta’ Leonard Cassar minn Attard.

Fl-istess perjodu ta’ zmien, f’ dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe’ l-oggetti imsemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, jew xjentement b’ kull mod iehor li kienu indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Jannar 2005 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2005 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat il-pre-sentencing report imhejji mis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta in kwantu jirrigwarda l-imputat Darren Cassar.
Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza tal-imputat Brian Bonnici.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta' diversi oggetti tal-ilbies u affarijiet ohra relatati minn zewgt ihwienet li jinsabu fi Strada Merkanti, l-Belt, liema serq sar f'diversi okkazjonijiet qabel it-28 ta' Novembru 2003 u sar ghad-detriment ta' Leonard Cassar li huwa l-propjetarju tal-hwienet in kwistjoni. Mill-provi rrizulta li l-imputati Matthew Chircop u Joseph Pawney kienu impjegati fl-imsemmija zewgt ihwienet filwaqt li z-zewg imputati l-ohra, u cioe' Brian Bonnici u Darren Cassar kienu jmorru f'dawn il-hwienet u bi ftehim ma Matthew Chircop u Joseph Pawney kienu jiehdu oggetti tal-ilbies minghajr ma jhallsu ghalihom u dan wara li Chircop u Pawney ikunu qalghu is-security tags relattivi.

Ikkunsidrat :

Illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2005 l-imputat Joseph Pawney ammetta l-akkuza ta' serq aggravat bil-persuna izda mhux dik ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira. L-imputat Matthew Chircop ukoll ammetta l-akkuza ta' serq aggravat bil-persuna izda mhux dik ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin. L-imputat Darren Cassar ammetta l-akkuza ta' serq minghajr l-addebiti tal-valur li jeccedi l-elf Lira u minghajr l-aggravju tal-persuna. L-imputat Brian Bonnici ammetta l-akkuza ta' serq aggravat bil-valur fit-termini tal-Artikolu 279(a).

Ikkunsidrat:

Illi l-punt ta' kuntestazzjoni bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza f'dan il-kaz jirrigwarda l-aggravju tal-valur u dan jinghad ghaliex l-imputati Matthew Chircop u Joseph Pawney it-tnejn ammettew l-akkuza in kwantu riferibbli ghar-reat ta serq aggravat bil-persuna filwaqt li fil-konfronti taz-zewg

imputati l-ohra, u cioe’ Brian Bonnici u Darren Cassar bl-ebda mod ma rrizulta pruvat l-aggravju tal-persuna fil-konfronti taghhom. L-imputati jinsabu lkoll akkuzati bir-reat ta’ serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin. F’dawn il-proceduri xehed Leonard Cassar, il-vittma, li huwa l-propjetarju taz-zewg hwienet minn fejn sar is-serq in dizamina, fejn dan spjega kif huwa kien wasal sabiex jinduna li kienu qed jinsterqu diversi oggetti mill-hwienet tieghu u ghalhekk ghamel rapport lil Pulizija u mbaghad kien tkellem mal-imputati Matthew Chircop u Joseph Pawney li kienu mpjegati mieghu u qalilhom li kien sab diversi oggetti neqsin u li kien qed jissuspetta fihom. Wiehed minnhom kien ammetta mieghu li kien ha xi affarijiet mill-hanut u Cassar kien ghalhekk ghadda isem dawn iz-zewg impjegati lil Pulizija fejn dawn imbaghad irrilaxxjaw stqarrijiet u ammettew li kienu serqu xi affarijiet mill-hwienet ta’ Cassar u spjegaw l-involviment ta’ Brian Bonnici u Darren Cassar. Leonard Cassar spjega li huwa kien ghamel stock take u prepara lista tal-oggetti li skond huwa instabu nieqsa wara li sar l-istock take (lista esebita a fol. 34 sa 38 tal-process) fejn il-valur kumplessiv tal-oggetti allegatament msiruqa huwa indikat fis-somma ta’ Lm6758.40.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz u jidrilha li l-aggravju tal-valur li jeccedi l-elf lira Maltin jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni biss fil-konfronti tal-imputat Brian Bonnici. Mill-istqarrija minnu rilaxxjata (esebita a fol. 28 u 29 tal-process) fil-fatt jidher li huwa ammetta li bejn Awwissu u nofs Ottubru 2003 huwa kien seraq madwar hmistax il-jeans fil-gimgha mill-hwienet ta’ Leonard Cassar u huwa kien bejgh dawn il-jeans ghall-prezz ta’ Lm15 il-wiehed. Huwa qal ukoll li kien nefaq kwazi l-flus kollha li kien qala’ u li kien baqghalu biss madwar Lm3000. Xi ftit taz-zmien wara l-imputat kien mar ghand l-avukat tieghu u baghat korrezzjoni bil-miktub ghall-istqarrija minnu rilaxxjata originarjament fejn qal li l-ammont ta’ affarijiet misruqin kien fil-fatt anqas minn dak minnu indikat originarjament. F’dan ir-rigward il-Qorti hija ferm aktar propensa temmen il-verzjoni moghtija originarjament dwar l-ammont ta’ oggetti misruqa minn Bonnici anki ghaliex

kien l-istess imputat Bonnici li indika lil Pulizija l-ammont ta' madwar 15 il-jeans fil-gimgha u ma kienx il-kaz li gie suggerit lilu xi ammont minn min kien qed jinterrogah u huwa accetta bhala veritjier l-ammont lilu indikat. Jekk wiehed iqis li mid-dokument esebit a fol. 55 jirrizulta li l-valur ta' jeans wiehed huwa bejn Lm27 u Lm42 u li l-imputat ghamel perjodu ta' madwar ghaxar gimghat jiehu madwar 15 il-jeans fil-gimgha, zgur jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-valur tal-oggetti misruqa mill-imputat Brian Bonnici kien jeccedi l-elf lira Maltin.

Illi fil-kaz tat-tlett imputati l-ohra gie pruvat biss li l-valur tal-oggetti minnhom misruqa kien jeccedi l-Lm100 izda mhux li kien jeccedi l-Lm1,000. Dan jinghad ghaliex ghalkemm gie pruvat li l-valur kumplessiv tal-oggetti misruqa kien jammonta ghal 'il fuq minn Lm6,000, ma rrizultax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-valur tal-oggetti mehuda minn kull wiehed mit-tlett imputati Cassar, Pawney u Chircop individwalment kien jeccedi l-Lm1,000. Jekk wiehed jara l-oggetti li kull wiehed mill-imsemmija tlett imputati ammetta li kien ha u jipprova jasal ghall-valur kumplessiv ta' dawn l-oggetti ghal kull wiehed minn dawn l-imputati jara li l-valur ghal kull wiehed minnhom ma kienx jeccedi l-Lm1,000 izda kien jeccedi l-Lm100. Ghal din ir-raguni l-imputati Joseph Pawney u Matthew Chircop ser jinstabu hatja ta' serq aggravat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-Lm100 izda mhux l-Lm1,000 filwaqt li l-imputat Darren Cassar ser jinstab hati ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-Lm100 izda ma jeccediex l-Lm1,000.

Ghal finijiet ta piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Darren Cassar il-Qorti kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet maghmula fil-pre-sentencing report imhejji fil-konfronti tieghu kif ukoll il-fatt li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din m'hijiex l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja fejn huwa kien diga inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu. Il-Qorti izda jidrilha li ghandha taccetta r-rakkomandazzjoni maghmula mill-Probation Officer Miriam Sevasta u ser timponi Community Service Order

fuq l-imputat Darren Cassar taht is-supervizjoni ta’ Probation officer.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Brian Bonnici l-Qorti qieset is-segwenti fatturi sabiex waslet ghall-piena l-aktar idoneja li ghandha tigi applikata fil-konfronti tieghu, u cioe’ il-fedina penali kwazi netta u l-ammissjoni bikrija u jidrilha li l-anqas fil-kaz tieghu m’ghandha tigi applikata piena karcerarja effettiva u jkun aktar opportun li huwa jinghata l-opportunita’ li jirriforma ruhu u ghalhekk ser jigi applikat il-provvediment tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda l-imputati Matthew Chircop u Joseph Pawney il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta taghhom, kif ukoll l-ammissjoni bikrija, il-koperazzjoni taghhom fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-eta’ tagghhom fiz-zmien li kkommettew ir-reat li tieghu qed jinstabu hatja u jidrilha li jkun aktar opportun li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 fir-rigward taghhom.

Fir-rigward tal-pieni li gew imposti l-Qorti tixtieq taghmilha cara li ma setghatx tapplika l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li l-vittma jigi kumpensat minhabba l-fatt li ma setghax jigi stabbilit il-valur preciz tal-oggetti mehuda minn kull wiehed mill-imputati individwalment u inoltre minhabba l-fatt li mill-provi rrizulta wkoll li l-valur tal-oggetti misjuba nieqsa fl-istock take maghmul minn Leonard Cassar seta’ jikkomprendi wkoll oggetti ohra li gew mehuda minn impejgati ohrajn ta’ Cassar li huwa jghid li kienu tkeccew mill-impjeig ghaliex kienu nqabbdu jisirqu affarijiet mill-hwienet tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Darren Cassar hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggieh taht is-supervizjoni ta’ Probation Officer sabiex jaghmel tmienin (80) siegha community work. Stante li jirrizulta li t-tieni akkuza inghatat bhal alternattiva ghall-ewwel akkuza li

taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Brian Bonnici hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu jirrigwarda serq aggravat bil-valur u mhux bil-persuna u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ sentejn (2) millum.  Stante li jirrizulta li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279(a) u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati Joseph Pawney u Matthew Chircop hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn millum. Stante li jirrizulta li t-tieni akkuza inghatat bhala alernattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputati Joseph Pawney u Matthew Chircop qed jinstabu hatja l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Il-Qorti tordna inoltre li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinhatar il-kandidat idoneju sabiex jissupervizjona lill-imputat Darren Cassar u sabiex jittiehdu l-provvedimenti opportuni sabiex jigi esegwit il-Community Service Order impost fil-konfronti tal-imsemmi Darren Cassar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------